

# Kawża C-94/09

**Il-Kummissjoni Ewropea**

**vs**

**Ir-Repubblika Franċiża**

“Nuqqas ta’ Stat li jwettaq obbligu — VAT — Direttiva 2006/112/KE — Artikolu 98(1) u (2) — Servizzi pprovduti minn impriżi funebri — Applikazzjoni ta’ rata ta’ taxxa mnaqqsa fuq is-servizzi ta’ trasport ta’ kadavri b’vettura”

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tas-6 ta’ Mejju 2010 . . . . I - 4263

Sommarju tas-sentenza

*Dispożizzjonijiet fiskali — Armonizzazzjoni tal-liġijiet — Taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — Sistema komuni ta’ taxxa fuq il-valur miżjud — Possibbiltà għall-Istati Membri li japplikaw rata mnaqqsa għal ċerti kunsinni ta’ oġġetti u provvisti ta’ servizzi (Direttiva tal-Kunsill 2006/112, Artikoli 96 u 98(1) u (2), u Anness III)*

L-Istat Membru li jissuġġetta t-trasport ta' kadavri b'vettura għal rata mnaqqa tat-taxxa fuq il-valur miżjud, li tkun differenti mir-rata applikabbli għas-servizzi l-oħra li jistgħu jiġu pprovduti minn impriżi funebri, ma jonqosx milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt l-Artikoli 96 u 98(1) u (2) tad-Direttiva 2006/112, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud.

Fil-fatt, meta Stat Membru jiddeċiedi li jagħmel użu mill-possibbiltà, stabbilita mill-Artikolu 98(1) u (2) tad-Direttiva 2006/112, li japplika rata mnaqqa tat-taxxa fuq il-valur miżjud għal kategorija ta' servizzi li jidhru fl-Anness III ta' din id-direttiva, huwa għandu, bla ħsara għall-osservanza tal-prinċipju ta' newtralità fiskali inerenti għas-sistema komuni tat-taxxa fuq il-valur miżjud, il-possibbiltà li jillimita l-applikazzjoni ta' din ir-rata mnaqqa għal aspetti konkreti u speċifiċi ta' din il-kategorija. L-eżerċizzju ta' din il-possibbiltà huwa suġġett għal kundizzjoni doppja, jiġifieri, minn naħa, li jiġu iżolati biss, għall-finijiet tal-applikazzjoni tar-rata mnaqqa, l-aspetti konkreti u

speċifiċi tal-kategorija ta' servizzi inkwistjoni u, min-naħa l-oħra, li jiġi osservat il-prinċipju ta' newtralità fiskali. Dawn il-kundizzjonijiet huma intiżi li jiżguraw li l-Istati Membri jagħmlu użu minn din il-possibbiltà biss f'ċirkustanzi li jiggarrantixxu l-applikazzjoni sempliċi u korretta tar-rata mnaqqa magħżula kif ukoll il-prevenzjoni ta' kull frodi, evażjoni u kull abbuż eventwali. Peress li t-trasport ta' kadavri b'vettura jikkostitwixxi element konkret u speċifiku fost is-servizzi pprovduti mill-impriżi funebri, minn naħa, u peress li servizzi simili oħra ta' trasport ta' kadavri b'vettura, li jistgħu jinsabu f'kompetizzjoni ma' dawk is-servizzi suġġetti għal rata mnaqqa, ma humiex ittrattati b'mod differenti mill-perspettiva tat-taxxa fuq il-valur miżjud, minn naħa l-oħra, il-leġislazzjoni li tissuġġetta t-trasport ta' kadavri b'vettura għal rata mnaqqa tat-taxxa fuq il-valur miżjud tissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa mid-Direttiva 2006/112.

(ara l-punti 28, 30, 39, 42, 46)